MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 321/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi fis-6 ta' Awissu 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw żwieġ bejniethom fit-2 ta' Awissu 1986 fil-Knisja ta' San Gwann tas-Salib, Ta' Xbiex, (ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok. A) u minn dana ż-żwieġ tagħhom ma twieldu ebda wlied.

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet hija llum regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat nhar it-18 ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Rachel Mallia (Dok B).

3. Illi l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalitajiet ta' l-intimat li mix-xorta tagħha fixklet serjament il-ħajja miżżewġa, *ai termini* ta' l-Artikolu 19 (1)(c) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi *inoltre* l-kunsens ta' l-intimat kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi għalhekk iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fit-2 ta' Awissu 1986 huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

6. Illi dawn il-fatti huma a konoxxenza diretta ta' l-esponenti.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara ż-żwieġ ċelebrat bejn il-partijiet nhar it-2 ta' Awissu 1986, bħala null u bla effett fil-Liġi *ai termini* tal-Artikolu 19 ta' l-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975.

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jannota tali nullita' ta' l-Att taż-Żwieġ Numru tas-sena 1986.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut għalkemm notifikata bir-rikors naqas li jippreżenta ir-risposta ġuramentata u għalhekk huwa kontumaċi skond il-liġi;

Rat l-atti proċesswali;

Rat l-affidavit ta' l-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati ppreżentata fid-19 ta' Frar 2008, fejn esponew bir-rispett

illi huma m' humiex edotti mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u jirriservaw illi jippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri kemm-il darba huma jiġu edotti mill-fatti.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Frar 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fil-1986 a bażi ta' l-artikolu 19 (1) (c) u (d), tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut kif indikat huwa rappreżentat mill-kuraturi deputati illi m'humiex edotti mill-fatti u ma ressqux provi. Kif pero' dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju."* (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mill-attriċi jirrigwardaw:

19 (1) (c) – qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta’ Jannar 2006) ;

*“Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u ċioe’ li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u ċioe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.”*

Kif qalet il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta’ Mejju 1995) *b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta’ immaturita; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista’ tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita’ sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taz-żwieġ.* F’dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta’ Novembru 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta’ Ottubru 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta’ Awissu 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta’ Novembru, 2005) il-Qorti ta’ l-Appell ukoll qalet li: *“Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita’ psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta’ ta’ l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*”

Eżami anke superfiċjali ta’ l-affidavit ta’ l-attriċi jindika ċar li t-talba attriċi hija ġustifikata; il-konvenut wera nuqqas kbir ta’ responsabbilta’ u l-attriċi ġiet indotta tiżżewweġ għaliex meta kellha l-ħsieb li tħassar l-għerusija l-konvenut heddidha li se jagħmel suwiċidju. Fl-isfond tas-sentenzi msemmija t-talba attriċi timmerita li tiġi akkolta.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa’ t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ kontrattat bejn il-partjiet fit-2 ta’ Awissu 1986; l-ispejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------